**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 26 ta' Jannar, 2024

Rat ir-rikors ta' Tunkara Ibrahims għall-rimedju tal-*Habeas Corpus* ippreżentat nhar is-26 ta' Jannar, 2024 wara rikors identiku preżentat nhar il-25 ta' Jannar, 2024 li ġie differit għas-smigħ ghat-30 ta' Jannar, 2024;

Rat li tali talba qed issir a tenur tal-Artikoli 137 u 409A tal-Kodiċi Kriminali;

Fiċ-ċirkostanzi għalkemm l-ewwel rikors għadu pendenti, ir-rikors preżentat aktar illum jistħoqqlu jinstema bl-urġenza meritata kif indubbjament mfisser bl-artikolu 137 tal-Kodiċi Kriminali:

> **137.** Kull maġistrat illi, f'xi ħaġa li taqa' taħt is-setgħa tiegħu, jonqos jew jirrifjuta li jagħti widen għal ilment leġittimu li jsir biex juri li xi ħadd jinsab miżmum kontra l-liġi, u kull uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva illi, meta jsirlu ilment bħal dan, ma jurix li ta lill-awtorità superjuri rapport ta' dak l-ilment fiż-żmien ta' erbgħa u għoxrin siegħa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur.

Għalhekk ġie ordnat li tali rikors jinstema fit-3:30pm u għal dan il-għan ġie notifikat immedjatament ir-rikorrent, il-Principal Immigration Officer, l-Avukat Ġenerali u r-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali;

Rat ir-risposti tal-Principal Immigration Officer u tal-Avukat Ġenerali;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali fuq l-istess rikors magħmula mill-partijiet;
Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti;

Ikkunsidrat,

Illi mill-atti esibiti jirriżulta li nhar l-24 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrent ġie servut b' ordni ta'detenzjoni ai termini tal-Artikolu 11 tal-L.S.217.12;

Illi fis-17 t'Ottubru, 2013, inħareġ *removal order* fil-konfront tar-rikorrent liema ordni għadu fis-seħħ;

Ir-Regolament 11 tar-Regolamenti dwar Standards u Proċeduri Komuni għar-Ritorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, (L.S.217.12), jipprovdi:

> (2) Deċiżjoni ta' ritorn, deċiżjoni ta' ċaħda ta' dħul u ordni ta' tneħħija għandhom jinħarġu bil-miktub u għandu jkollhom raġunijiet fil-fatt u fid-dritt dwar rimedji legali: ............
>
> (3) **Il-Bord** għandu jirrevedi deċiżjonijiet relatati mar-ritorn fuq applikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz kif imsemmi fis-sub regolament (2) u jista' jissospendi l-eżekuzzjoni tagħhom b'mod temporanju. ......

Għalhekk ġaladarba hemm <u>ordni ta' tneħħija</u> – fil-każ odjern dik tas-17 t'Ottubru, 2013 – jsibu applikazzjoni ir-regolamenti 11(7) u 11(8) tal-Liġi Sussidjarja 217.12:

> (7) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (8), **detenzjoni għandha tkun riżultat ta' ordni ta' tneħħija** maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u l-ordni ta' tneħħija għandu jkollha raġunijiet ta' fatt u ta' dritt.
>
> (8) **Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 25A tal-Att,** iċ-ċittadin ta' pajjiż terz suġġett għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (6), għandu jkollu d-detenzjoni tiegħu riveduta kemm b'applikazzjoni jew mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ex officio, f'intervalli ta' żmien raġonevoli, li f'kull każ, ma jaqbiżx tliet xhur. Fil-każ ta' perjodu ta' detenżjoni ta' sitt xhur jew aktar, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu jeżegwixxi dik ir-reviżjoni u għandu javża lill-Bord li jista' jissorvelja u, fejn meħtieġ, jara mill-ġdid dik ir-reviżjoni.

Dan ifisser li l-artikolu 25A tal-Att dwar l-Immigrazzjoni issib applikazzjoni anke f'każ simili. L-artikolu imsemmi jagħti dritt t'appell lejn il-Bord:

(5) Kull persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi deċiżjoni tal-awtorità kompetenti taħt regolamenti magħmula taħt it-Taqsima III, jew bis-saħħa tal-artikolu 7, l-artikolu 14 jew l-artikolu 15 tista' tappella minn dik id-deċiżjoni u l-Bord ikollu ġurisdizzjoni jisma'u jiddeċiedi dawk l-appelli.

(6) Filwaqt li jkunu qegħdin isiru proċedimenti quddiem il-Bord, dan jista', ukoll fuq talba verbali, jagħti l-libertà proviżorja lil kull persuna li tkun tinsab arrestata jew taħt detenzjoni u li tkun parti fi proċedimenti quddiemu, taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jistgħu jidhrulu xierqa u d-disposizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali għandhom mutatis mutandis ikunu japplikaw għal talba bħal dik

Tant hu hekk li l-istess regolament 11 (L.S.217.12) ikompli

(9) Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu d-dritt jagħmel proċeduri kif provdut fis-subregolament (8) hu għandu minnufih jiġi infurmat dwar dawk il-proċeduri.

(10) Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun meħlus minnufih mid-detenzjoni meta fl-opinjoni tal-Bord dik id-detenzjoni ma tkunx legali

Għaldaqstant ir-rimedji li kellu jirrikorri għalihom ir-rikorrent kienu li jappella quddiem il-Bord skond kif kontemplat bl-artikolu 11(8) tar-Regolamenti.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-Artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi hekk:

(1) Kull min jallega li jkun qiegħed jiġi detenut kontra l-liġi taħt l-awtorità tal-Pulizija jew ta' xi awtorità pubblika oħra mhux f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi reat li dwaru qiegħed jiġi imputat jew akkużat f'xi qorti, jista' f'kull waqt jagħmel rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, li għandu jkollha l-istess setgħat li għandha l-istess qorti bħala qorti istruttorja, fejn jitlob il-ħelsien tiegħu mill-kustodja. Rikors bħal dak għandu jiġi appuntat għas-smigħ bl-urgenza u r-rikors flimkien mad-data tas-smigħ għandhom jiġu notifikati fl-istess jum li jsir ir-rikors sew lir-rikorrent sew lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-awtorità pubblika li taħt l-awtorità tagħha r-rikorrent ikun qiegħed jallega li qiegħed jiġi detenut kontra l-liġi. Il-Kummissarju tal-Pulizija jew l-awtorità pubblika, skont il-każ, jistgħu jippreżentaw risposta sa mhux aktar tard mill-jum tas-smigħ.

Issa l-iktar dispożizzjoni ċara li tagħti s-setgħa lil-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jżomm detenuta persuna suġġetta għal proċeduri ta' ritorn hi ir-regolament 11(6) tar-Regolamenti dwar Standards u Proċeduri Komuni għar-Ritorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, (L.S.217.12):

(6). Meta ċittadin ta’ pajjiż terz hu suġġett għal proċeduri ta’ ritorn, sakemm ma jistgħux jiġu applikati miżuri oħra suffiċjenti iżda inqas ta’ impożizzjoni, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jista’ biss iżommu f’detenzjoni sabiex jitwettaq il-proċess ta’ ritorn u tneħħija, <u>b’mod partikolari</u> fejn:

(a) ikun hemm riskju ta’ ħarba; jew
(b) iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz jevita jew ifixkel il-proċess ta’ ritorn jew tneħħija:

Il-leġislatur ma jużax il-kliem ***"fejn"*** u jaghti lista ta' ċirkostanzi li jridu jissusistu biex ikollu l-poter li jżomm persuna detenuta biex jillimita u jikkondizzjona s-setgħa tal-Principal Immigration Officer li jżomm taħt detenzjoni. Anzi, il-liġi tikkwalifika li **dejjem għandu dak il-poter** li jżomm persuna f'detenzjoni meta dik il-persuna ikun irid jinbeda fil-konfront tagħha il-*"proċess ta' ritorn u tneħħija"* . Li għamel il-leġislatur hu li żied ma din iċ-ċirkostanza każijiet oħrajn li jirrikjedu tali detenzjoni meta ikun hemm riskju ta' ħarba jew iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jevita jew ifixkel il-proċess ta' ritorn jew tneħħija.

Ir-riskju tal-ħarba u r-riskju ta' tfixkil jew evitat ta' ritorn jew tneħħija, huma ċirkostanzi li l-Liġi **torbot** idejn il-Principal Immigration Officer u ma ttiehx *mano libera* biex ikun jista' jagħmel mod ieħor, anzi tobbligah iżomm persuna f' detenzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi.

*A contrario sensu* dan is-subregolament qatt ma jista' jinftiehem li l-Principal Immigration Officer jista' jżomm persuna detenuta, kemm il-darba fil-konfront tagħha jkun inbeda l-proċess ta' ritorn jew tneħħija tagħha, esklussivament u limitatament kemm il-darba jeżistu iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) u (b) tar-regolament 6 tal-Liġi Sussidjarja 217.12.

Magħdud dan kollu ma jistax jingħad li ir-rikorrent hu detenut kontra l-Liġi għaliex hi propju il-Liġi li bir-regolament 11(6) r-Regolamenti dwar Standards u Proċeduri Komuni għar-Ritorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, (L.S.217.12), teżiġi li malli jinbeda l-proċess ta' ritorn u tneħħija, il-Principal Immigration Officer **għandu** jżomm persuna fis-sitwazzjoni tiegħu <u>f'detenzjoni sabiex jitwettaq dak il-proċess.</u>

Finalment ma tistax il-Qorti ma tagħmilx riferenza għal dak li jipprovdi l-Artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni:

> (1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin, jiġifieri - ........
>
> (j) sabiex jiġi evitat id-dħul illeġittimu ta' dik il-persuna f'Malta, jew sabiex tiġi effettwata l-espulsjoni, l-estradizzjoni jew it-tneħħija leġittima oħra ta' dik il-persuna minn Malta jew it-teħid ta' proċeduri dwar hekk jew sabiex tiġi mrażżna dik il-persuna waqt li tkun qed tiġi mgħoddija minn Malta fil-kors tal-estradizzjoni jew tneħħija tagħha bħala priġunier misjub ħati minn pajjiż għal ieħor".

Ghal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi r-rikors tar-rikorrenti billi tiċħad l-istess.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**